MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### DOREEN CLARKE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 544/2010

Il-**Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Anton Vassallo**

**Kumpilazzjoni Nru: 544/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Anton Vassallo ta' 31 sena, bin Carmelo u Rose Marie nee' Pullicino, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru, 1978 u residenti fil-fond numru 107, 'St.Joseph', Triq Felice, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 495978(M).

Akkuzat talli:

Nhar is-16 t' Awwissu, 2009 ghall-habta tas-05:50 ta' wara nofsinhar, filwaqt li kien fil-kazin tal-banda San Mikiel, li jinsab f'Misrah is-Sliem gewwa Haz-Zabbar, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Kalcedonio sive Donio Vella, minn Haz-Zabbar, f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat minn Dr. Anton Ordodi M.D., it-tabib ta' l-isptar St. James, liema ferita ggib debulizza permanenti fis-sahha jew f'xi parti mill-funzjoni tal-gisem u fir-ras tal-vittma.

Talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kapiyolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk talli Anton Vassallo kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqhu mill-Qorti ta' l-Appell ippreseduta mill-Imhallef Dr. David Scicluna LL.D. liema kundizzjoniet saru effettivi mit-02 ta' Frar, 2007; mill-Qorti ta' l-Appell, liema kundizzjonijiet saru effettivi minn nhar l-04 ta' Gunju 2008; mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-10 ta' Dicembru, 2007 mill-Qorti ta' l-Appell, liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-13 ta' Mejju, 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta’l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex jiggi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

- 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 17, 31, 383 u 533 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jinghad li hemm xi diskrepanzi bejn l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat kif dedotti fic-citazzjoni meta komparati ma’ l-imputazzjonijiet li jirrizultaw mill-artikoli kwotati fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali.

Illi l-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni hija dik kontemplata f’l-artikoli 214, 215 u 218(1)(a); fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali kwota l-artikoli 214, 215 u 216. Ghalhekk huwa car li r-reat li bih gie addebietat l-imputat qed jigi ridott minn offiza ta’ natura gravissima ghal offiza ta’ natura gravi. L-artikolu 216 jikkontempla diversi forom ta’ offizi gravi pero l-Avukat Generali naqas li jispecifika liema minnhom qed tigi addebietata lill-imputat.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva; din tirrizulta sia mic-citazzjoni kif ukoll min-nota ta’ rinviju ghall-giudizzju ta’l-Avukat Generali.

Illi t-tielet imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni hija dik dwar ksur ta’ kundizzjonijiet (minghajr m’hu specifikat x’tip ta’ kundizzjonijiet) imposti b’erbgha sentenzi: tlieta mghotija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u datati 2 ta’ Frar 2007, 4 ta’ Gunju 2008, u 13 ta’ Mejju 2008 rispettivament; u ohra mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presedjuta mill-Magistrat Dr Edwina Grima u datata 10 ta’ Dicembru 2007. L-artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghal gudizju huwa 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Konsegwentement l-Avukat Generali qed isostni din it-tielet imputazzjoni in kwantu tista’ tirreferi ghal ksur ta’ xi sanzjoni komunitarja jew ksur ta’ liberta kondizzjonata mghotija ai termini tal-Kapitolu 446.

Illi fic-citazzjoni hemm tlett imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat: dawk li ghadha kif saret referenza ghalihom. Pero fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tieghu l-Avukat Generali jelenka (fit-tielet paragrafu) ukoll l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; din id-dispozizzjoni tikkontempla r-reat dwar ksur ta’ kundizzjonijiet imposti f’l-ghoti ta’ helsien mill-arrest. Huwa car li la darba fic-citazzjoni m’hemm l-ebda imputazzjoni li tirreferi ghal dan ir-reat il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni elenkata f’l-imsemmija nota ta’ l-Avukat Generali.

Illi, dan premess, il-Qorti ser tghaddi biex tiehu in konsiderazzjoni l-fatti ta’ dan il-kaz; dawn jirrigwardaw glieda li nqalghat fil-kazin tal-banda San Mikiel f’ Haz-Zabbar nhar is-16 ta’ Awissu 2009.  Din il-glieda kienet tinvolvi hafna nies u tista’ tghid li svolgiet fi tlett stadji.

Illi hafna mill-persuni koncernati kienu qeghdin fil-kazin meta f'xi hin Mikela Vella (oht il-parte leza Donio Vella) marret it-toilet. Din Mikela Vella tirrakkonta li meta marret it-toliet segwewa zewg tfaljiet ohra: Elaine (li f'dawk iz-zmienijiet kellu relazzjoni maghha l-imputat) u Maxeline; skond Vella dawn it-tfajliet kienu qeghdin mal-grupp li fih kien hemm l-imputat, certu Miguel u certu Pawlu. It-tfajliet bdew jitkellmu fuq xi kwistjonijiet ta' bejniethom pero jidher li sa dak il-hin id-diskussjoni kienet wahda verbali. Gara pero li l-imputat, Pawlu u Miguel marru hdejn it-tfaljiet u d-diskussjoni kompliet; meta ra hekk l-parte leza odjern, Donio Vella, mar hdejn ohtu (Mikela) biex jara x'kien qed jigri. Skond l-istess Mikela malli wasal Donio u staqsiha x'gara bdew ikellmuh it-tlett guvinur l-ohra. Minghajr ma specifikat kif, Mikela kompliet tirrakkonta li hekk kif il-guvintur bdew jitkellmu bejnithom bdew jiggieldu fil-waqt li t-tfaljiet l-ohra qabduha u flimkien marru wara l-bar; Mikela tghid li hi ma tafx minn mill-guvintur ta l-ewwel daqqa; tghid ukoll li hekk kif kienet wara l-bar rat lil ommha diehla pero mbaghad dahlet fil-kcina u ma tafx x'gara aktar.

Illi Donio Vella tressaq bhala xhud; huwa jirrakkonta li hekk kif kien qieghed jiehu drink il-kazin ra dak li kien qed jigri lil ohtu Mikela u mar biex jiddifendiha. Hu jghid li meta wasal hdejn it-toilet bdew jitkellmu, "*kelma ggib l-ohra u qbadna naghtu jien u Toni*" (cioe l-imputat); fil-kors ta' din il-glieda l-imputat tah daqqa ta' ponn, bid-daqqa waqa ma'l-art u habat rasu u spicca b'lacerazzjoni fuq wara ta' rasu. Donio Vella spicca id-depozizzjoni tieghu billi qal li hu jahfirlu lill-imputat u li fil-fatt huma ragghu saru hbieb.

Illi omm Donio, Salvina Vella, tirrakkonta li waqt li kien qeghda il-hanut (taghhom) xi hadd qallha li kien hemm glieda l-kazin u marret tara x'gara. Hekk kif dahlet fil-kazin rat lill-imputat jimbotta lil binha (Donio); fi kliemha l-imputat "*imbuttah u gie ezatt max-xifer tat-targa*"; propju dak il-hin it-tfajla ta'l-imputat giet ghal fuqha b'siggu u hi (Salvina) "*iddefendiet ruhha*".

Illi Marika Galea, li kienet qeghda taqdi n-nies minn wara l-bar, tat d-depozizzjoni taghha pero ma qalet xejn utli ghaliex insistiet li ma tiftakar xejn

dwar l-incident hlif li f’daqqa wahda qammet kommozzjoni, keccew lin-nies koncernati ’l barra mill-kazin u ghalqet ix-shutter biex ma jergghux jidhlu fil-kazin. Galea waslet biex ikkonfermat li l-imputat kien qieghed fil-kazin u kien involut fit-taqbieda pero ma qalet xejn specifiku dwar l-involviment tieghu u minn kienu l-persuni l-ohra koncernati jew kif zvolgiet il-glieda.

Illi tressqu diversi xhieda ohra mill-prosekuzzjoni, inkluz persuni ohra li kienu qeghdin il-kazin u d-diversi ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post ta’ l-incident.

Illi mix-xhieda pajzana l-ohra hadd ma ta informazzjoni utli dwar it-taqbieda li sehhet fil-kazin bejn l-imputat, Donio Vella, Pawlu u Miguel; dan ghax qalu li ma jiftakrux x’gara jew ma rawx x’gara dak il-hin.

Illi l-pulizija li taw d-depozizzjoni taghhom waslu fuq il-post meta l-persuni kollha koncernati kienu qedghin barra il-kazin. Meta waslu l-pulizija bdew jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, pero hekk kif il-pulizija zammew lill-imputat u lil Donio Vella separati minn xulxin kompla l-glied bejn hbieb jew familjari ta’ Donio kontra l-imputat u hbieb jew familjari ta’ l-imputat kontra Donio. Hekk kif intervjenew il-pulizija biex iferrqu lin-nies kien hemm minn agredixxa lill-pulizija ukoll tant li kien hemm xi pulizija li soffrew griehi.

Illi ghalhekk dak li rrakkontaw il-pulizija dwar dak li gara fil-kazin huma ma rawhx is-sehh imma kienu qeghdin biss jghidu dak li qalulhom il-persuni koncernati fil-kors ta’l-investigazzjoni.

Illi f’dan ir-rigward ghandu jinghad pero li l-ewwel ufficjal li wasal hdejn il-kazin kien PS91 Michael Buttigieg; huwa jghid li hekk kif wasal hdejn il-kazin ra lill-imputat u ”*kienu qed jigru wara xulxin ma’ iehor certu Donio Vella u rajt li Anton Vassallo kellu d-dmija go wiccu*”. Is-surgent ikompli jghid li hu qadab lil

Vella minn idejh, firidhom, u tela' lejn il-kazin. Dak il-hin resaq certu Charlot Desira biex jagredixxi lil Vella u kien f'dak l-istadju li regghet qabdet il-glieda.

Illi l-imputat ma xehedx imma rrilaxxja zewg stqarrijiet; ghalkemm l-ewwel innega l-involivment tieghu fis-sens li innega li huwa u Donio Vella qatt gew f'l-idejn eventwalment ammetta li meta kienu qeghdin hdejn it-toilet u kien hemm anke Donio "*mort biex nara x'gara imbaghad minn hemm ma nafx x'gara ghax spicca kulhadd jimbotta lil kulhadd u kulhadd jaghti. Ma nafx min bdiha l-glieda*".

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li meta Donio Vella mar hdejn it-toilet tal-kazin biex jara x'kien qed jigri u biex "jiddefendi lil ohtu" qamet glieda u fil-kors ta' din il-glieda huwa waqa ma'l-art u habat rasu ma' xifer it-targa.

Illi pero hemm kunflitt dwar x'wassal biex Vella waqa u habat rasu. Ommu, Salvina Vella, fid-depozizzjoni taghha tghid li l-imputat imbuttah u waqa; Donio min-naha l-ohra waqt li kien qed jiddeponi jghid li hu waqa' ghax l-imputat tah daqqa ta' ponn. L-istess Donio Vella meta kien qed jghati l-verzjoni tieghu tal-fatti lill-Ispettur Jesmond Borg hu qal li Donio kien imbuttah (mhux tah daqqa ta' ponn), fil-waqt li meta kien qed jaghti l-verzjoni lill-PS91 Michael Buttigieg Vella immedjatament wara l-incident qal li waqt il-glieda zelaq u habat rasu ma' l-ewwel targa. Dan kollu jimpingi negattivament fuq il-kredibilita ta' Vella.

Illi tenut kont li l-unika xhieda okkulari huma Donio Vella u ommu, li dawn mhux qed jaqblu bejniethom, li l-istess Donio Vella ta tlett verzjonijiet differenti ta' kif huwa waqa', u li fit-taqbida kien hemm nies ohra involuti; tenut kont ukoll li ma giex stabbilit minn beda l-glieda u konsegentement minn kien qed jaggredixxi u min kien qed jiddefendi ruhhu, il-Qorti mhiex sodisfatta

li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata ’l hemm minn kull dubbju ragonevoli. Konsegwentment l-imputat ma jistax jinstab hati ta’ din l-imputazzjoni.

Illi t-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat jirreferu ghar-recidiva, u ksur ta’ sanzjoni komunitarja jew liberta kundizzjonata; dawn l-imputazzjonijiet jiddependu fuq sejbin ta’ htija ta’ l-ewwel imputazzjoni li pero minnha l-imputat qed jigi liberat. Konsegwentement l-imputat lanqas ma jista hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imputazzjoni relatat ma’ ksur ta’l-arikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u elenkata fit-tielet paragrafu tan-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali, ma ssibx lill-imputat hati ta’l-impuazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------